



Pjan ta' Investiment għall-Ewropa
NOVEMBRU 2019



PIAN JUNCKER SITWAZZJONI ATTWALI

#investEU



Il-Kummissjoni
Ewropea



Bank Ewropew
tal-Investiment

il-bank tal-UE



EUROPEAN INVESTMENT FUND



#investEU

Il-Pjan ta' Investment għall-Ewropa jwassal għal tkabbir madwar l-UE

Il-Pjan ta' Investment għall-Ewropa għandu l-għan li jħeġġeġ l-investment sabiex jinħolqu l-impjiegi, tingħata spinta lit-tkabbir u lill-ompetittività, jintlaħqu l-bżonnijiet ekonomiċi fit-tul u tissaħħaħ il-kapaċità produttiva u l-infrastruttura tal-Ewropa.

Għal dan il-għan, dan jappoġġa l-investment fl-ekonomija reali permezz ta' sensielata' proġetti bbażati fl-UE, joħloq ambjent favorevoli għall-investment billi jneħħi l-ostakli għall-investment u jimmobilizza r-riżorsi pubbliċi u privati. L-element prinċipali f'dan l-aħħar qasam huwa l-Fond Ewropew għall-Investimenti Strateġiċi (FEIS), li tabilita l-investment fil-proġetti tal-infrastruttura u fl-intrapriżi żgħar u medji (SMEs).

Il-FEIS, bl-estensjoni tiegħu, għandu l-għan li jillibera investment addizzjonali ta' mill-anqas EUR 500 biljun sa tmiem l-2020 u dan billi jipprovdi garanzija totali ta' EUR 33.5 biljun għal proġetti kummerċjali u infrastrutturali. Xi EUR 26 biljun minn dik il-garanzija ġejjin mill-baġit tal-UE u EUR 7.5 biljun mill-Grupp tal-Bank ta' Investment Ewropew.


Il-finanzjament approvat sa issa mistenni li jimmobilizza EUR 450.6 biljun f'investment addizzjonali.

L-inizjattiva ser tkompli twassal għal qligħ ekonomiku konsiderevoli. Aktar minn 1.043.000 kumpaniji iżgħar huma mistennija li jibbenefikaw mill-investimenti fl-SMEs tal-FEIS.

Dawn iċ-ċifri jenfasizzaw il-valur miżjud li l-FEIS iġib lill-ekonomija tal-Ewropa, kemm fil-preżent kif ukoll fis-snin li ġejjin.



INVESTIMENT TAL-FEIS SKONT IS-SETTUR - NOVEMBRU 2019



Li minnhom
€64.2 biljun
kienu ffirmati

FINANZJAMENT
MILL-FEIS
APPROVAT*

€83.2 biljun

INVESTIMENT TOTALI RELATAT MAL-APPROVAZZJONIJIET TAL-FEIS

€450.6 biljun

*Approvati mill-BE: EUR 60.3 biljun
Approvati mill-FE: EUR 22.9 biljun

ENERĠĠJA

PARK EOLIKU FUQ L-ART FIL-POL TAT-TRAMUNTANA



IL-FEIS GĦALL-INFRASTRUTTURA

Pajjiż: L-Iżvezja

Settur: enerġija

Finanzjament mill-FEIS: EUR 100 miljun



Il-Pjan ta' Investiment jappoġġja l-akbar park eoliku fuq l-art fl-Ewropa

Ser jinbnew 179 turbina tar-riħ qrib il-belt Piteå fit-Tramuntana tal-Iżvezja, qrib iċ-Ċirku Artiku.

Qed isir xogħol fuq proġett biex jinbena l-akbar park eoliku singolu fl-Ewropa. Il-proġett "Markbygden 1101" huwa mistenni li jitlesta sal-2020. Dan se jżid il-kapaċità tal-enerġija mir-riħ tal-Iżvezja b'aktar minn 12 %. Il-GE Enerġija Rinnovabbli ser tissupplixxi 179 mit-turbini ta' 3.6 MW tagħha b'rotors ta' 137 metru, turbina ideali għall-veloċitajiet tar-riħ u l-klima fis-sit tal-proġett. Barra minn hekk it-turbini ser ikunu mgħammra b' teknoloġija li tħoll is-silġ. Norsk Hydro, l-akbar prodottur tal-aluminju fl-Ewropa, ftehmiet li tixtri l-parti l-kbira tal-elettriku prodott mill-park eoliku, li huwa maħsub li huwa l-akbar ftehim dwar l-enerġija mir-riħ ma' kumpanija konsumatriċi tal-enerġija.



KURA TAS-SAĦĦA



L-ISPTAR ĠENERALI RYDYGIER



IL-FEIS GĦALL-INFRASTRUTTURA

Pajjiż: Il-Polonja

Settur: saħħa, soċjali


Finanzjament mill-FEIS: EUR 57 miljun

Il-provvista ta' faċilitajiet ġodda għall-pazjenti fil-Polonja

L-istarijiet ta' spiss ikollhom bżonn jinvestu biex itejbu l-livell tal-kura tas-saħħa iżda jkun jonqoshom il-fondi.

Ir-Reġjun Kujawsko-Pomorskie kien l-ewwel fil-Polonja li kiseb self għal proġett tas-settur pubbliku taħt il-Fond Ewropew għall-Investimenti Strateġiċi.

Bl-amalgamazzjoni ta' self ta' EUR 57 miljun mill-BEI taħt il-Pjan Juncker, ma' flus mill-baġit tiegħu stess u minn finanzjament ieħor mill-UE, ir-reġjun qiegħed jestendi l-isptar Rydygier ta' Toruń. B'fokus fuq ir-riċerka u t-teknoloġija moderna, dan il-proġett ser jipprovdi lir-residenti b'firxa sħiħa ta' trattamenti u aċċess għall-aħħar proċeduri mediċi. L-għadd ta' sodod għall-pazjenti se jirdoppja, u minn 551 se jitla' għal 1 059. L-ispażju se jiżdied minn 20 000 m² għal aktar minn 50 000 m² u se jinħoloq 57 000 m² ta' spazju miftuħ. L-isptar ser jiffranka billi jillimita l-għadd ta' impjegati amministrattivi u jintroduċi miżuri favur l-ambjent u li jiffrankaw l-enerġija. Il-partijiet il-ġodda tal-isptar ser jinfetħu għall-pazjenti fl-2019.




XEF NZA

TRATTAMENTI KONTRA L-KANĊER APEIRON



IL-FEIS GĦALL-INNOVAZZJONI


Pajjiż: L-Awstrija
Settur: saħħa, soċjali
Finanzjament mill-FEIS: EUR 25 miljun



Tfittxija għal trattamenti ġodda għal kanċer

Self mill-BEI, garantit mill-Pjan Juncker, ser isostni l-iżvilupp ta' prodotti farmaċewtiċi ġodda biex ikun ittrattat il-kanċer, b'mod partikulari n-newroblastoma – tip rari ta' kanċer li jaffettwa lit-tfal.

Apeiron hija kumpanija bijoteknoloġika innovattiva li tiżviluppa approċċi bijoloġiċi u immunoloġiċi biex ikun ittrattat il-kanċer, u li timpjega madwar 40 persuna. Bit-twertiq ta' riċerka u proġetti ta' żvilupp innovattivi hija tħabrek biex tiżviluppa mediċini ġodda għat-trattamenti li għad iridu jkunu skoperti. Il-kumpanija qed tiżviluppa proġetti ta' immunoterapija għall-kanċer ibbażati jew fuq approċċi mmirati u speċifiċi għat-tumur, jew fuq l-istimulu tas-sistema ta' immunità biex tiġġieled il-kanċer billi tħaddem il-mekkaniżmu ta' difiża naturali tal-ġisem uman. Bil-finanzjament appoġġjat mill-FEIS, Apeiron tista' tkompli tiżviluppa dawn it-trattamenti ġodda innovattivi.





SOĊJALI



ILUNION



FEIS GĦALL-INKLUŻJONI

Post: Spanja

Settur: soċjali

Finanzjament tal-FEIS: EUR 35 miljun

Appoġġ lil persuni b'diżabbiltà

Il-Pjan Juncker qed jappoġġa self ta' EUR 35 miljun lil Ilunion, intrapriża soċjali Spanjola.

Bil-Pjan, Ilunion se tiżviluppa tagħmir għat-titjib ta' ħajjet persuni b'diżabbiltà u tissaħħaħ l-effiċjenza fl-użu tal-enerġija mill-katina tagħha ta' impjanti industrijali tal-ħasil tal-ħwejjeġ. Se jgħin ukoll fil-ħolqien ta' impjegji għal persuni b'diżabbiltà.



TRAS PORT

RIMAC



FEIS GĦAL MOBBILTÀ NADIFA

Post: Il-Kroazja

Settur: RŻI

Finanzjament tal-FEIS: EUR 30 miljun



Il-Pjan Juncker jiffinanzja l-karozzi elettriċi ta' għada

Il-kumpanija Kroata Rimac Automobili qed tuża l-finanzjament tal-FEIS biex tiżviluppa l-ewwel super karozza elettrika tad-dinja.

Il-Pjan Juncker qiegħed jappoġġja self ta' EUR 30 miljun mill-BEI lil RIMAC biex din il-kumpanija innovattiva tal-karozzi tkompli tiżviluppa t-teknoloġija tagħha ta' użu ta' magni elettriċi tal-karozzi, tkabbar il-produzzjoni tagħha, tagħti spinta lill-attivitajiet tagħha ta' riċerka u żvilupp, u tippjanar l-espansjoni tagħha fl-Ewropa u fl-Ażja.





IL-FOND DWAR IL-BROADBAND NIKKOLLEGAW L-EWROPA




IL-FEIS GĦALL-KOMBINAZZJONI TAL- FONDI TAL-UE

Pajjiż: Madwar I-UE

Settur: diġitali



Finanzjament mill-FEIS: EUR 100 miljun



Ngħaqqu l-partijiet: il-broadband jilħaq żoni inqas popolati tal-UE

Permezz tal-kombinazzjoni tal-finanzjament mill-BEI, il-Faċilità Nikkollegaw I-Ewropa, il-Banek Promozzjonali Nazzjonali u investituri privati, il-Fond dwar il-Broadband Nikkollegaw I-Ewropa ser jinvesti f'infrastruttura ta' netwerk tal-broadband madwar iż-żoni inqas servuti fl-Ewropa.

Il-Fond dwar il-Broadband Nikkollegaw I-Ewropa huwa l-ewwel pjattaforma ta' investiment li tappoġġja infrastruttura ta' broadband taħt il-Pjan Juncker, u jikkombina riżorsi privati u pubbliċi. Il-Banek u l-Istituzzjonijiet Promozzjonali Nazzjonali ta' tliet pajjiżi li qed jippjanaw li jieħdu sehem f'inizjattiva bħala investituri li jingħataw preċedenza: il-KfW Bankengruppe mill-Ġermanja, il-Cassa Depositi e Prestiti mill-Italja u l-Caisse des dépôts et consignations minn Franza. Il-pjattaformi ta' investiment jistgħu jkunu għodda utli biex jiġbru flimkien proġetti ta' investiment b'fokus tematiku jew ġeografiku. It-twaqqif ta' din il-pjattaforma ta' investiment hija tweġiba għad-domanda dejjem tikber għall-finanzjament ta' proġetti ta' broadband fuq skala iżgħar, b'riskju akbar madwar I-Ewropa, li preżentement ma għandhomx aċċess għall-fondi tal-UE. Il-Fond għall-Broadband il-ġdid ser jgħin lill-UE tilħaq il-mira li kull familja Ewropea għandu jkollha aċċess għall-konnessjonijiet tal-internet ta' 30 Megabits kull sekonda sal-2020 u sal-2025 l-iskejjel, iċ-ċentri tat-trasport, il-fornituri ewlenin tas-servizzi pubbliċi u l-intrapriżi intensivi diġitalment għandhom ikollhom aċċess għall-konnessjonijiet tal-internet ta' 1 Gigabit kull sekonda.



AGRI KOLTURA

KUMPANIJA GĦAS-SAĦĦA TAL-ANIMALI
BIOVET




IL-FEIS GĦAS-SAĦĦA TAL-ANIMALI

Pajjiż: Il-Bulgarija

Settur: agrikoltura, saħħa

Finanzjament mill-FEIS: EUR 100 miljun



Injezzjoni finanzjarja għal produttur tal-vaċċini għall-annimali fil-Bulgarija

L-appoġġ mill-Pjan ta' Investment qed jgħin lill-kumpanija għas-saħħa tal-annimali Biovet biex tkabbar il-portafoll tagħha ta' prodotti ta' vaċċinazzjoni użati fil-produzzjoni tal-ħnieżer, it-tiġieġ u l-bhejjem tal-ifrat.

Il-BEI qiegħed jipprovdi self ta' EUR 100 miljun taħt Il-Pjan Juncker ta' Investment lil Biovet biex tiffinanzja żieda qawwija fil-livelli ta' produzzjoni tagħha u fl-attività ta' riċerka u żvilupp (R&Ż). Il-proġett jinkludi t-twaqqif ta' żewġ faċilitajiet ġodda: faċilità ta' fermentazzjoni f'Peshtera fin-Nofsinhar tal-Bulgarija u impjant f'Razgard fil-Grigal tal-Bulgarija għall-manifattura ta' vaċċini għall-annimali. Il-proġett ser jippermetti wkoll li l-kumpanija twettaq R&Ż fl-oqsma tal-mikrobijoloġija u l-iżvilupp ta' prodotti ġodda, bħal vaċċini, enzimi, kif ukoll titjib u formulazzjoni tal-proċessi. Bħala riżultat ta' dan il-finanzjament, ser jinħolqu 210 impjegji fil-partijiet rurali tal-Bulgarija.





MANI FOODS



IL-FEIS GĦALL-SMES

Pajjiż: Il-Greċja

Settur: industrija, agrikoltura, SMEs

Il-produttur rebbieħ taż-żebbuġ Kalamata jiftaħ lejn swieq ġodda

Meta Mani Foods riedet li tkabbar l-esportazzjonijiet tal-produzzjoni taż-żebbuġ tagħha, hija marret għand in-National Bank of Greece li pprova self taħt il-Pjan ta' Investiment għall-Ewropa.

Mani Foods tipproduċi, tippakkja u tesporta żebbuġ Kalamata u prodotti relatati, u tirbaħ premjijiet għaż-żejt taż-żebbuġa straverġni tagħha. Biex tlaħħaq mad-domanda dejjem tikber, Mani Foods riedet tinvesti f'makkinarju ġdid. Il-kumpanija ħadet self mill-Bank Nazzjonali tal-Greċja. Is-self mill-Bank Nazzjonali tal-Greċja huwa ggarantit mill-FEI permezz tal-Pjan Juncker u l-programm tal-UE għall-kompetittività ta' impriżi u ta' kumpaniji żgħira u ta' daqs medju (COSME). B'dan il-finanzjament, Mani Foods espandiet il-fabbrika tagħha għal negozju ġdid, żviluppat tliet linja ta' produzzjoni ġodda u rduppjat l-impjegati.



ENERĠJA

DOLOMITI



FEIS GĦALL-ENERĠJA

Post: L-Italja

Settur: enerġija

Finanzjament tal-FEIS: EUR 100 miljun



Nagħornaw in-netwerks tal-enerġija

Dolomiti Energia qed ittejjeb in-netwerks tal-enerġija fl-Italja.


Il-BEI qed jagħti lil Dolomiti Energia EUR 100 miljun biex iġġedded u tiżviluppa n-netwerks tad-distribuzzjoni tal-gass u l-elettriku. Il-finanzjament se jsaħħaħ u jżomm l-impjanti idroelettriċi fil-provinċja ta' Trento fit-Tramuntana tal-Italja, fejn Dolomiti Energia topera u timpjega 1,400 persuna.



AMBIJENT



FRUSACK



IL-FEIS GĦALL-SMES

Pajjiż: iċ-Ċekja

Settur: ambjent, SMEs

Sabiex twassal il-frott u l-ħaxix tiegħek id-dar b'mod sostenibbli

Meta d-disinn jiltaqa' mal-ekonomija ċirkolari: żewġ studenti iċ-Ċekja raw vojtt fis-suq u wara li kisbu finanzjament mill-Pjan Juncker, in-negozju tagħhom qed jilħaq livelli ġodda.

Kuljum aħna nġorru lejn id-dar frott u ħaxix mis-supermarket f'boroż li jiġġeneraw ħafna skart li jkun intuża darba. Il-kofundaturi ta' kumpanija ġdida fi Praga Frusack riedu jibdlu dan il-fatt. Huma bdew jiddisinjaw u jimmanifatturaw boroż li jintużaw mill-ġdid u bijodegradabbli bl-użu tal-bijoplastik magħmul miż-żerriegħa tal-qamħ bħala bażi. Id-domanda għall-boroż ta' Frusack tant kibret li l-kumpanija kien jeħtiġilha tinvesti biex tkabbar in-negozju tagħha, iżda jekk tkun kumpanija ġdida żgħażuġha ssiba diffiċli tikseb self mill-banek. FI-2017 il-kumpanija kisbet self mill-Unicredit permezz tal-programm ta' finanzjament tal-UE għall-innovaturi (InnovFin) iggarantit mill-FEI taħt il-Pjan ta' Investiment għall-Ewropa. Frusack issa qed tesporta lejn swieq fl-UE u madwar id-dinja.



IL-PJAN TA' INVESTIMENT GĦALL-EWROPA

Il-Pjan ta' Investiment għall-Ewropa, jew il-Pjan Juncker, huwa sforz kollettiv u koordinat f'livell Ewropew għall-inkoraġġiment tal-investiment fl-ekonomija reali biex:

- tingħata spinta lill-**ħolqien ta' impjegi** u **lit-tkabbir ekonomiku**;
- jiġu ssodisfati l-**ħtiġijiet fit-tul** tal-ekonomija u tiżdied il-**kompetittività**;
- jgħin fit-tisħiħ tal-**kapaċità produttiva** u tal-**infrastruttura** tal-UE.

It-titjib tal-ambjent tal-investiment

Għan globali importanti tal-Pjan ta' Investiment huwa t-titjib tal-ambjent tal-investiment, kemm fuq livell tal-UE kif ukoll fuq livell tal-Istati Membri individwali. Bħalissa għaddejja ħidma biex jiġu indirizzati l-ostakli b'dimensjoni tal-UE u tas-Suq Uniku, kif ukoll l-isfidi regolatorji u mhux regolatorji għall-investiment fil-livell nazzjonali.

IL-FOND EWROPEW GĦALL-INVESTIMENTI STRATEĠIĊI (FEIS)

Il-**Fond Ewropew għall-Investimenti Strateġiċi (FEIS)** huwa fil-qalba tal-Pjan ta' Investiment, u jappoġġa proġetti innovattivi li jistgħu jeħtieġu kopertura tar-riskju. Bħala inizjattiva konġunta tal-Kummissjoni Ewropea u tal-Grupp tal-Bank Ewropew għall-Investiment (BEI), il-FEIS jgħin biex jiġi attirat l-investiment privat.

SETTURI

- L-ambjent u l-effiċjenza fir-riżorsi
- It-Trasport
- Id-Diġitali
- L-Enerġija
- Ir-Riċerka u innovazzjoni
- L-Infrastruttura soċjali
- Il-Kumpaniji żgħar u b'kapitalizzazzjoni medja
- Il-Bijoeconomija
- L-iżvilupp reġjonali

MIN JISTA' JAPPLIKA?

- **Kumpaniji ta' kull daqs**
- **Utilitajiet**
- **Entitajiet tas-settur pubbliku**
- **Banek promozzjonali nazzjonali jew banek oħra li jipprovdu self intermedjat**
- **Pjattaformi ta' investiment adattati**

Sabiex jibbenefikaw mill-appoġġ tal-FEIS, il-proġetti jridu jkunu:

- ✓ Kummerċjalment sodi, u ekonomikament u teknikament vijabbli;
- ✓ Ta' kontribut għall-għanijiet tal-UE, it-tkabbir sostenibbli u l-impjegi;
- ✓ Maturi biżżejjed biex ikunu bankabbli;
- ✓ Ipprezzati b'mod li jkun proporzjonat għar-riskju meħud.

KIF TAPPLIKA?

Promoturi pubbliċi jew privati ta' proġetti kbar ta' infrastruttura u innovazzjoni jistgħu japplikaw għal self permezz tal-Bank Ewropew tal-Investiment: www.eib.org/efsi
L-SMEs u l-kumpaniji b'kapitalizzazzjoni medja jistgħu jiksbu l-finanzjament għall-proġetti tagħhom permezz tal-banek promozzjonali nazzjonali u l-intermedjarji finanzjarji lokali: www.eif.org/what_we_do/efsi

IĊ-ĊENTRU EWROPEW TA' KONSULENZA GĦALL-INVESTIMENTI (EIAH)

Iċ-Ċentru Ewropew ta' Konsulenza għall-Investimenti (EIAH) huwa inizjattiva tal-Kummissjoni Ewropea u tal-BEI biex jiġi aċċellerat l-investiment u toffri punt uniku ta' aċċess għal appoġġ estensiv għall-proġetti u l-investimenti fl-istadji kollha taċ-ċiklu tal-proġett.

Is-servizzi konsultattivi jinkludu:

- ✓ Appoġġ tekniku għall-preparazzjoni u l-implimentazzjoni tal-proġetti;
- ✓ Titjib tal-użu tal-fondi tal-UE fi strumenti finanzjarji;
- ✓ Appoġġ għall-bini tal-kapaċitajiet;
- ✓ Appoġġ għall-politika, il-programmi u l-proġetti għas-sħubiji pubbliċi-privati;
- ✓ Aċċess għall-finanzi għall-proġetti ta' innovazzjoni.

Għal aktar informazzjoni ara: <http://eiah.eib.org>

IL-PORTAL EWROPEW TA' PROĠETTI TA' INVESTIMENT (PEPI)

Il-Portal Ewropew ta' Proġetti ta' Investiment (PEPI) huwa portal fuq l-internet li jippermetti proġetti bbażati fl-UE ta' valur tal-anqas EUR 5 miljun – pubbliċi jew privati - biex jilħqu investituri potenzjali madwar id-dinja. Il-portal huwa pprovdut u miżmum mill-Kummissjoni Ewropea u huwa parti mill-Pjan ta' Investiment għall-Ewropa.

Għal aktar informazzjoni ara: <http://ec.europa.eu/eipp>

ISSIEĦEB MA' INVESTEU

Għal informazzjoni aġġornata dwar il-Pjan ta' Investiment għall-Ewropa:
<http://ec.europa.eu/invest-eu>

Sabiex tikkuntattja l-uffiċċji lokali tal-BEI:
<http://www.eib.org/infocentre/contact/offices/>

Sabiex tikkuntattja l-intermedjarji finanzjarji:
http://www.eif.org/what_we_do/where/index.htm


Sabiex issib proġett eżistenti tal-FEIS viċin tiegħek:
<http://www.eib.org/efsi/efsi-projects/index.htm>

Għal informazzjoni dwar il-finanzjamenti disponibbli taħt inizjattivi oħra tal-UE:
<http://europa.eu/youreurope/business/fundinggrants/access-to-finance/>

IL-PJAN TA' INVESTIMENT GĦALL-EWROPA

Sabiex l-Ewropa tinvesti għall-impjegi u t-tkabbir.

#investEU



Biex issir taf aktar żur
ec.europa.eu/invest-eu
eib.europa.eu/invest-eu

